VALLETTA CULTURAL AGENCY

Stqarrija | 28 ta' Novembru 2019

**JIRRITORNAW IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET TA' LEJLIET L-EWWEL TAS-SENA FIL-BELT VALLETTA, BIL-PARTEĊIPAZZJONI TA' THE TRAVELLERS U BOSTA ARTISTI OĦRAJN**

Għal darb'oħra se jirritorna wieħed mill-iktar avvenimenti mistennija fil-kalendarju lokali; iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fil-Belt Valletta.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għal darb'oħra se jsiru ġewwa Pjazza San Ġorġ, fejn se jkun hemm il-palk prinċipali li se jilqa' uħud mill-ikbar artisti lokali. Is-serata se tibda bil-band **Ozzy Lino and the Candy Moths**, u tkompli bi spettaklu mill-artisti **Kevin Paul, Gaia** u **Kurt Calleja**. Iċ-ċelebrazzjonijiet se jilħqu l-quċċata b'kunċert live minn **THE TRAVELLERS**, li se joffru divertiment bil-ħoss uniku tagħhom.

Il-preżentaturi ta' Vibe FM **Nate, Frank and Rossi** se jkunu qed imexxu s-serata, u flimkien mal-udjenza se jilqgħu s-sena l-ġdida b'taħlita ta' kanzunetti popolari mill-2019, fl-isfond ta' spettaklu ta' effetti speċjali u nar tal-ajru. Id-DJ żagħżugħ **DJ Drey** se jkun qed jagħlaq is-serata b'sett enerġetiku.

Iċ-Ċermen tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta Jason Micallef qal li "ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena huma parti minn programm vast li ppjanat il-VCA għal żmien il-Milied fil-Belt Valletta. Fil-jiem li għaddew inxtegħel id-dawl tal-Milied ġewwa t-toroq prinċipali tal-Belt, inxtegħlet siġra tal-Milied reali għall-ewwel darba fi Pjazza Kastilja u twaqqaf presepju ġewwa Pjazza De Valette, fost inizjattivi oħra għat-tisbiħ tal-Kapitali f'dan iż-żmien."

Is-Sindku tal-Belt Valletta Alfred Zammit qal li "din hija attività għal-qalb il-Kunsill, għaliex tippermetti lill-familji Maltin igawdu l-Milied u l-Ewwel tas-Sena ġewwa l-Belt mal-kumplament tal-poplu bi ftit flus". Huwa qal li 'l-Belt Valletta għandha tkun l-għażla naturali ta' min jixtieq jieħu pjaċir f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena".

*Dan l-aveniment qed jiġi organizzat minn G7 Events wara sejħa għall-Ftehimiet ta' Sħubija Kulturali mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta qed jikkollabora wkoll mal-organizzaturi ta' dan l-avveniment.*

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**